# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 5 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 883/00 AJD*

Homeline Limited

vs

Philip u Maria konjugi Delceppo

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Gunju, 2000, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mij au tletin lira Maltin (Lm130.00), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' 'washing machine' mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti.
Bl-ispejjes, u bl-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati ai termini tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, baqghu ma deherux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Reuben Farrugia in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuti skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR